# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 227i – Il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2010

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6:00p.m.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI
Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera is-Sinjura Rita Psaila
Il-Kunsillier is-Sur Joseph Sammut (sas-7:30 pm)
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo
Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 226 ikunu approvati bħala dokument korrett.

Il-Kunsillier is-sur Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI NRU 226

**2.1 Stima ta' Xogħlijiet fi Triq Dr Nikola Zammit u Triq Dun Manwel Zammit**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn l-istimi kien għadu qed jistenna lill-perit tal-Kunsill biex jagħmilhom.

**2.2 Roundabout fi Triq Santa Margerita/ Triq Papa Pawlu VI**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jiltaqa' mal-Perit dwar din il-materja.

**2.3 Sqaq fi Triq tal-Lawrenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu qed jistenna l-istima mingħand il-*Works Division.*

**2.4 Proġett ta' Landscaping f'*Ramija Housing Estate***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal iltaqa' mas-CEO tal-Awtorità biex jara x'tinvolvi din l-iskema. Huwa qal li kien infurmat li din se tkun fil-forma ta' kompetizzjoni bejn proġetti ippreżentanti mill-Kunsilli Lokali , u r-rebbieħa jistgħu jingħataw madwar €70,000 għal pjan ta' reġenerazzjoni fil-*housing estates*.

Is-Sindku ippropona li għandna noħorġu offerta biex *consortia* jippreżentaw l-aħjar pjan u għal din ir-raġuni għandu jħejji *blueprint* ta' l-offerta.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.05 Aħbar fil-gazzetti relatata mal-Kunsill**

Il-Kunsillier is-sur Jesmond Tanti qal li jippreċiża dwar din il-materja. Huwa qal li kien irċieva ittra mingħand il-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera sabiex issir attivitaà ħdejn is-Salib tal-Għolja b'risq id-Dar tal-Providenza.

Il-Kunsillier Tanti kompla jgħid, "meta jien ressaqt għad-diskussjoni fil-Kunsill fil-laqgħa tat-23 t'April, 2009, il-Viċi-Sindku u xi membri oħra qalu li ma jaqblux li hemmhekk issir l-attività u allura fhimt li l-Kunsill kien kontra din l-attività,

"Peress li jien kont obbligat li nwieġeb l-ittra tal-Maġistrat, kont spjegajtilha verbalment li l-Kunsill kien kontra li hemmhekk issir l-attività. Imbagħad wara din l-ispjega, il-Magistrat kienet qaltli li se torganizza l-attività f'post ieħor."

# 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Il-Viċi-Sindku xtaq ikun jaf x'jinvolvu il-ħlasijiet lis-sur Joseph Farrugia. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif kien maqbul fis-seduta preċedenti, huwa kellu jsib persuna biex tieħu ħsieb il-latrini sakemm tittieħed deċiżjoni dwar it-tender. Huwa kompla jgħid li wara li ikkonsulta mas-Sindku u mal-Kunsillier Jesmond Tanti, huwa offra dan ix-xogħol lis-sur Farrugia.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt u dawk relatati ma' ħlasijiet lis-sur Joseph Farrugia, jiġu approvati kif inhuma.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet lis-sur Joseph Farrugia. L-eżitu kien:
Voti Favur: 6
Voti Kontra: 1 (Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina)

Rigward il-ħlasijiet dovuti għall-ħsara misjuba fil-latrini, is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jara x'inhuma dawk l-ispejjeż relatati mal-obbligi kuntrattwali u dawn jitnaqqsu mill-garanzija tal-kuntrattur.

Il-Kunsillier Dr Mark A Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4. KORRISPONDENZA

## 4.1 Talba għal *Reserved Parking*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li Ms Maria L Cassar ta' Pjazza San Nikola, għamlet talba ma' Transport Malta għal reserved parking minħabba diżabilità. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill m'għandu jsib l-ebda oġġezzjoni.

Il-Kunsillir Dr Mark A Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4.2 Toroq Urbani li għadhom qatt ma nbnew

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva korrispondenza mingħand is-sur Stanley Portelli, Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta fejn talab lill-Kunsill jelenka lista ta' toroq urbani fis-Siġġiewi li għadhom qatt ma ġew mibnija.

Wara diskussjoni ġiet elenkata din il-lista:-

i) Triq it-Tank u Triq Ġuzeppi Busuttil (area ta' Fonzu) il-50mm *upper lay* ghadu ma tlestiex;
ii) Triq Nikolina Caruana;
iii) Trejqet l-Anġli;
iv) Parti minn Triq Patri Ġużé Delia (il-parti li għad trid tiġi esproprijata);
v) Parti minn Triq it-Tank u Parti minn Triq Ġuzeppi Busuttil (li għad irid jiġu esproprijati);
vi) Triq ġdida fi Triq Blat-il Qamar;
vii) Triq ġdida fi Triq ir-Rebbiegħa.

# 5. KUNTRATTI

## 5.1 Cleaning & Maintenance of Public Convenience LCS 28/2010

Is-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-bord tal-aġġudikazzjoni poġġa fuq il-mejda rapport imħejji hekk kif mitlub fis-seduta preċedenti.

Il-konklużjoni tar-rapport tgħid li l-Bord jirrakomanda lill-Kunsill biex jintgħażel l-offerent Alexander Camilleri.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu japprova dan ir-rapport u jagħżel l-offerta tas-sur Camilleri.

Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.2 LCS 48/09 Supply of *Concrete*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-sur Nikol Baldacchino informa lill-Kunsill li kienet wasslet biex tiskadi l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippropona li għandu jiġġeded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsilliera is-sinjura Rita Psaila issekondat.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.3 LCS 49/09 Servizz ta' *Contract Manager*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-sur Nikol Baldacchino informa lill-Kunsill li kienet wasslet biex tiskadi l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippropona li għandu jiġġeded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsilliera is-sur Jesmond Tanti issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5.4 LCS 39/09 *Sweeping*

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-sur Nikol Baldacchino informa lill-Kunsill li kienet wasslet biex tiskadi l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt.

Is-Sindku il-Perit Robert Musumeci ippropona li għandu jiġġeded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsilliera is-sur Joseph Sammut issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Fis-7:30pm il-Kunsillier Joseph Sammut talab li jkun skużat billi kien għadu kif ġie infurmat li t-tifla tiegħu welldet tarbija. Is-Sindku f'isem il-Kunsilliera feraħ lill-familja Sammut u talab li titniżżel fil-minuti.**

# 6. HWEJJEĠ OĦRA

## 6.1 Laqgħa tal-Lokalità

Is-Sindku ippropona li l-laqgħa tal-lokalità ssir il-Ħamis 25 ta' Novembru, 2010 fis-6:30pm.
Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 6.2 *Resurfacing* ta' toroq permezz tal-P.P.P.

Is-Sindku qal li fid-dawl ta' din id-diskussjoni huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħejja stima finanzjarja proviżorja għas-sena 2011. Huwa kien qed jesiġi li wara li ddaħħlu fil-lista l-isqaqien ta' Triq il-Mitħna, jiġu allokati €50,000 biex jintużaw matul is-sena d-dieħla.

Il-Viċi-Sindku qal li kif jirriżulta mill-minuti tal-aħħar seduta, id-diskussjoni dwar il-PPP kellha tiġi diskussa fis-seduta li jmiss flimkien mal-estimi tas-sena d-dieħla. Huwa irrimarka li l-abbozz tal-istima proviżorja kif ippreżentata mis-Sindku, kien ippreżentat waqt is-seduta u għalhekk iħoss li ma tistax tittieħed deċiżjoni sħiħa dwar l-estimi finanzjarji.

Huwa kompla jgħid finalment id-deċiżjoni dwar l-estimi trid tittieħed wara l-laqgħa tal-lokalità.

Is-Sindku qal li minħabba li ż-żmien biex napplikaw dieħel sewwa, għandna niddeċiedu b'mod immedjat l-allokazzjoni tal-PPP.

Il-Viċi-Sindku ippropona li s-seduta tiġi aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 ta' Novembru fil-5:30 pm biex tkompli tiddiskuti din il-materja.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| **Il-Perit Robert Musumeci** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum il-Ħamis 3 ta' Diċembru 2010**

APPROVAL OF PAYMENTS

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| yoga | | 15.00 |
| lifelong learning health & wellbeing | | 20.00 |
| outing 16/11/10 | | 22.00 |
| lifelong learning italian course | | 40.00 |
| lifelong learning italian course | | 140.00 |
| lifelong learning italian course | | 220.00 |
| energy saving scheme balance of 50% | | 5000.00 |
| a.aquilina - attendance library nov10 23hrsx5.83 | 134.09 | |
| access - it agreement november 10 inv1439 | 236.00 | |
| access - servicing laserjet printer inv1440 | 12.00 | |
| access point - it agreement oct10 inv1430 | 236.00 | |
| akl - performancy rights society 2009-2010 akl73/2010 | 36.00 | |
| avantech - toner x 2 for photocopier tax only inv139139 | 5.50 | |
| carmen bonnici - refund ticket outing 19/10/10 rec10824 | 5.50 | |
| cassie camilleri - clerical work saturdays oct10 20.5hrsx7.2 | 147.60 | |
| central asphalt - material for patching oct10 inv38782 | 1131.64 | |
| cir - oct10 | 199.00 | |
| cir - oct10 | 455.16 | |
| cir - oct10 | 990.16 | |
| ganaja - fencing at ghar lapsi inv7/10 | 1298.00 | |
| ganaja - toqod ghal arbli tal-providenza inv8/10 | 601.80 | |
| ganaja - water pipe triq san nikola inv9/10 | 70.80 | |
| grace mizzi - cleaning council premises oct10 37hrsx4.66 | 172.42 | |
| honoraria oct10 | 596.50 | |
| j.farrugia - cleaning /attendance of public conveniences 25/10/10-7/11/10 | 560.00 | |
| j.farrugia - maintenance and repair to public conveniences | 360.00 | |
| mita - e-mail accounts sept10 n.cassar, r.psaila, j.tanti inv23929 | 14.94 | |
| msd - traffic sign job13849 | 61.75 | |
| msd - traffic signs job8593a inv13794 | 33.25 | |
| n.baldacchino - reimbursement of expenses oct10 | 74.00 | |
| nexos - 4 decorative lanterns inv2008719 | 2960.00 | |
| nexos - decorative lanterns x 4 inv2008719 | 2960.00 | |
| nexos - street lighting repairs inv2008745 | 1950.71 | |
| p.bonnici - refund ticket outing 19/10/10 rec10811 | 5.50 | |
| p.cutajar - 2 boxes coffee pods/sugar inv529115 | 86.00 | |
| parrocca san nikola - armar pjazza wine festival 28/8/10 inv380 | 150.00 | |
| parrocca san nikola - armar wirja agrarja 12/6/10 inv378 | 150.00 | |
| parrocca san nikola - mixghela fjakkoli pjazza 1/4/10 inv379 | 300.00 | |
| raymond attard - ss oct10 inv2551 | 3538.25 | |
| salaries oct10 | 4490.52 | |
| schembri garage - transport 19/10/10 | 82.60 | |
| st nicholas pharmacy - medical items icw flu vaccine inv1085600 (to pay ma | 12.86 | |
| university of malta - course for librarians - Antonia Aquilina | 60.00 | |
| wilson mifsud - pc sept10 inv28/9/10 10%default (-80.95) | 728.57 | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

sed 227-4/11/2010
final

APPROVAL OF PAYMENTS

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

APPROVAL OF PAYMENTS

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |